

# 'Inħobbuk Bħalma Niesna Ħabbewk'

## Analiżi Letterarja u Mużikali tal-Innu l-ġdid Lil San Pietru

kitba u riċerka ta' Josef Schembri

### Introduzzjoni

Din is-sena l-istatwa Titulari ta' San Pietru qed tagħlaq il-50 sena minn mindu nġiebet Birżebbuġa. Ħafna studjużi fil-qasam artistiku jsostnu li din l-istatwa hija fost l-ifjen statwi maħdumin fl-injam minn dawk kollha li nġiebu minn barra minn Malta. Bla dubju ta' xejn din hija okkażjoni speċjali ħafna għall-poplu ta' Birżebbuġa. Biex jiġi mmarkat dan l-anniversarju ġie ħsieb li fost affarijiet oħra, jinkiteb innu popolari devot u melodjuż. B'hekk barra l-Innu Popolari tas-surmast Carmelo Pace, is-Soċjetà issa se jkollha innu popolari ieħor kollu kemm hu tagħha. Biex issir distinzjoni bejn l-Innu Popolari prinċipali miktub mis-surmast Carmelo Pace, dan l-innu l-ġdid ingħata isem differenti, isem poetiku, meħud mill-qawwa espressiva ta' l-aħħar vers tar-ritornell: *"Li nħobbuk bħalma niesna ħabbewk'*. Il-mużika ta' dan l-innu ġiet fdata f'idejn is-surmast Mro. Raymond Sciberras F.L.C.M, l-aktar għaliex kien mixtieq stil ta' mużika u idjoma, li ssibha b'mod mill-aktar versatili fil-pinna ta' dan il-kompożitur. Barra minn hekk, din mhux l-ewwel darba li s-Soċjetà tagħna qed taħdem spalla ma' spalla ma' dan is-surmast. Kienet is-sena 2000 meta l-banda tagħna esegwiet il-Kantata *'Tu Es Petrus'*, mill-pinna tiegħu. Meta kmieni din is-sena ġiet l-idea ta' dan l-innu u ġie kkuntattjat is-surmast Sciberras, dan sostna li qabel xejn kien jeħtieġ li ssir il-lirika tiegħu l-ewwel. Għal dan il-għan sar kuntatt ma' bniedem ieħor ta' kapaċita' kbira fejn tidħol poeżija u lirika ta' innijiet devoti. Qed nirreferi xejn inqas għall-Professur Oliver Friggieri li minkejja x-xogħol kbir li għandu, aċċetta li jikteb il-versi għal dan l-innu popolari ġdid.

### L-Innu: Temi u Struttura Letterarja

L-innu huwa msejjes fuq diversi temi, imma l-aktar importanti huma: id-devozzjoni tan-nies ta' Birżebbuġa; il-ġmiel u l-imponenza artistika tal-istatwa titulari ta' San Pietru; u l-ġrajja bibblika fl-Atti tal-Appostli fejn naraw lil San Pietru jiġi meħlus mill-anġlu tal-Mulej. Ħaġa tassew interessanti f'dan l-innu hija l-mod li bih il-poeta għażel li ma jiżolax dawn it-temi fi strofi separati imma jagħġinhom flimkien tul il-poeżija kollha. Il-kunċett ta' passat u preżent huwa predominanti ħafna u huwa preżenti fl-imħabba li kellhom u għad għandhom in-nies ta' dan ir-raħal għal patrun tagħhom San Pietru. Hija ċara ħafna r-referenza li l-poeta jagħmel dwar is-sbuħija u l-aspett artistiku tal-vara titulari. Dan jagħmlu billi jinqeda bl-espressjoni ta' wiċċ il-qaddis u t-tislima t'idejh u minnhom jislet l-aspett divin u spiritwali biex fl-aħħar iwaħħadhom mal-esperjenza nisranija ta' dan il-poplu devot: *'It-tbissima ta' wiċċek ħanin'* u *'Ibqa' żomm idek soda fuq rasna'*. L-istess ħaġa jagħmel meta jitkellem dwar il-ġrajja bibblika li minnha l-parroċċa ħadet it-titlu titulari uniku tagħha. Hawnhekk il-poeta jinqeda bis-simbolu tal-ktajjen li nsibuhom marbutin ma' saqajn San Pietru fil-vara titulari. Jagħmel ukoll referenza għall-anġlu li fil-ħemda tal-lejl ħeles lil San Pietru mill-jasar ta' Erodi. Bħal każ ta' qabel, anke hawn il-poeta jinqeda b'dawn is-simboli biex minnhom joħroġ tifsira reliġjuża fejn mistikament il-poplu jsir bħallikieku parteċipi tal-ġrajja li minnha San Pietru għadda minnha: *'Inti magħna tintrabat bil-ktajjen'* u *'Inti magħna tistenna lill-anġlu'*. Il-figura ta' San Pietru, bħala l-qaddis protettur ta' dan ir-raħal u ta' dan il-poplu hija ppreżentata fil-kliem devot indirizzat



lill-qaddis stess. Biex joħloq dan l-effett, il-poeta jagħmel użu minn forma ta' *anafora*, l-użu insistenti ta' kliem bħal *Inti* u *Miegħek* fil-bidu ta' xi versi.

Ir-ritornell, element komuni f'dawn it-tipi ta' innijiet popolari joħloq, il-*climax* neċessarju (anke mużikalment) biex dan l-innu jieħu xejra ta' talba u wegħda fl-istess ħin. Hawnhekk naraw il-poplu ta' Birżebbuġa jeżalta isem missirijietna u isem San Pietru u jintrabat li jibqa' jħobb lil San Pietru hekk kif missirijietna għamlu tul is-snin l-imgħoddija. Ta' interess partikolari hija l-għażla tal-poeta li jiftaħ dan l-innu bir-ritornell u mhux bi strofa komuni. L-Innu jieħu l-isem tiegħu proprju minn dan l-aħħar vers tar-ritornell: *'li nħobbuk bħalma niesna ħabbewk'.*

Mil-lat ta' prosodija, l-innu huwa maqsum fi tliet partijiet jew aspetti prinċipali. Bejn kull aspett (li hu magħmul minn żewġ strofi), insibu ritornell li jservi bħala mument ta' waqfa u ta' riflessjoni. Kif aċċennajt aktar kmieni, il-poeta għażel li jiftaħ l-innu bir-ritornell, b'hekk l-innu huwa kompost minn erba' ritornelli, b'żewġ strofi bejn ritornell u ieħor. Il-pied huwa dak imsejjaħ *amfibrakkju* (-/-). L-erba' versi ta' kull strofa, jalternaw bejn pjan u tronk kull wieħed, bl-ewwel vers b'għaxar sillabi (dekasillabu) u t-tieni wieħed b'disa' sillabi. Insibu rima bejn l-aħħar kelma tat-tieni vers u l-aħħar kelma tar-raba' vers.

## L-Innu: Struttura u analiżi mużikali

Dan l-innu proċessjonali u devot iddedikat lil San Pietru jiftaħ b'introduzzjoni qasira li twassal għall-ritornello prematur. Kemm il-vers kif ukoll ir-ritornello huma mibnija fuq figuri ta' tliet noti. Is-sentenzi mużikali jikkonsistu fi frażijiet ta' tmien battuti l-waħda li jinqasmu fi tnejn ta' erbgħa. Fihom infushom, il-frażijiet jerġgħu jinqasmu fi tnejn permezz ta' kadenza. Din l-istruttura mużikali hija magħrufa aħjar bħala waħda Binarja (AB) mingħajr modulazzjoni. Il-melodija hija waħda kantabbli ħafna bi sfond ta' armonija diatonika u ritmu regolari.

*"Dan l-innu proċessjonali u devot iddedikat lil San Pietru jiftaħ b'introduzzjoni qasira li twassal għal ritornello prematur. Kemm il-vers kif ukoll ir-ritornello huma mibnija fuq figuri ta' tliet noti ..."*

Mro. Ray Sciberras F.L.C.M



## Mro. Raymond Sciberras F.L.C.M: Biografija u xogħlijiet simili.

Is-surmast Ray Sciberras twieled Bormla fis-27 ta' Diċembru tal-1967. L-ewwel ġibda mużikali ħadha mill-każin tal-banda tal-lokal tiegħu stess. Studja t-Teorija, l-Kuntrapunt, l-Armonija, il-Fuga, l-Orkestrazzjoni u l-Istorja Mużikali mal-Professur Charles Żammit u s-surmast Carmelo Pace. Wara għamel kors intensiv fil-komposizzjoni mas-surmast Pawlu Grech. Is-surmast Ray Sciberras huwa kwalifikat b'diversi kwalifiki fosthom *Associateship of the London College of Music (ALCM); Licentiateship of the London College of Music (LLCM);* u *Fellowship in Composition of the London College of Music (FLCM).* Barra minn hekk huwa wkoll membru reġistrat mal-*PRS (Performing Rights Society) of London* u membru reġistrat mal-*MCPS (Mechanical Copyright Protection Society).*

Kiteb diversi komposizzjonijiet ta' ġeneru u idjoma tradizzjonali għall-baned mużikali, għall-orkestra, għall-mużika *da camera* u mużika għall-korijiet u vuċijiet. Fost dawn ix-xogħlijiet insibu *'Invitation and Dance'* għal klarinett u pjanu li rebbħitu l-ewwel premju f'kompetizzjoni mtella' mill-*Performing Rights Society, London and the Society of Arts Manufacture and Commerce* fis-sena 1992. Xogħlijiet oħra ta' livell għoli huma *"Unity"* (choir a cappella), *"Messa Tota Pulchra"*, *"Tantum Ergo in Re"*, *"Eulogy"*. *"Puerkinesis"*, *"Christus"*, *"Tislima lil San Gejtanu"* (cantata), *"Maria Mater Gratiae"* (cantata), *"Innu lil San Filep"*, *"Għanjiet lil Maria Bambina"* (cantata), *"Is-Sejħa"*, *"Marija"* u ma jistax jonqos li nsemmu l-Innu l-kbir miktub esklussivament għas-Soċjetà tagħna *"Tu es Petrus"*.

Fil-qasam tac-*Chamber Music,* is-surmast Ray Sciberras addotta sistema differenti u aktar moderna minn dik tradizzjonali. Tant hu hekk li fil-komposizzjonijiet tiegħu *"two-part Inversions"*, *"Bagatelles"* għal pjanu, *"Fantasia for Piano and Violin"*, u s-silta *"String Quartet"* naraw sistemi tekniċi moderni fil-komposizzjoni tipiċi tas-seklu għoxrin.

Madankollu, il-qasam favorit u li fih is-surmast Sciberras huwa l-aktar prolifiku huwa dak bandistiku. Kiteb ammont kbir ta'siltiet mużikali u mhux biss marċi, tant li fis-sena 2000 ħareġ *compact disc* bl-aktar xogħlijiet importanti li kellu, fosthom il-*Preludio* mill-Innu l-Kbir *Tu Es Petrus* miktub għas-Soċjetà tagħna. Din il-*cd* iġġib l-isem ta' *Millenium Salute* u ġiet irrekordjata mid-ditta *"Doyen Recordings Limited"* bil-parteċipazzjoni professjonali tal-*"Yorkshire Wind Orchestra"*, fl-Ingilterra.

Barra l-komposizzjonijiet ta' natura sinfonika, is-surmast Sciberras kiteb ammont kbir ta' marċi nistgħu ngħidu minn kull ġeneru. Dawk brijużi u dawk funebri huma fost l-aktar popolari. Is-Surmast Sciberras sal-ġurnata tal-lum ħareġ *cassette* ta' marċi brijużi u tliet *compact discs* ta' marċi funebri. Sentejn ilu ġie wkoll mistieden jikteb il-mużika għal film ċinematografiku Malti bl-isem *Anno Domini XXXIII*, film ibbażżat fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu.

Ngħaddu issa biex nitkellmu fuq il-ġeneru ta' innijiet li bħalu aħna se nżanżnu wieħed din is-sena minn taħt idejn dan il-kompożitur. Is-surmast Ray Sciberras huwa isem rinomat fejn jidħlu innijiet minn dan it-tip. Fis-sena 1994, kiteb b'suċċess l-ewwel innu devot tiegħu bl-isem *"Omm Beltna",* innu li għadu jitkanta b'tant devozzjoni sal-ġurnata tal-lum għall-festa tal-Kunċizzjoni f'Belt twelidu, Bormla. Wara dan is-suċċess ġewlu ikkummissjonati diversi innijiet devoti minn dan it-tip fosthom: *"Madonna tal-Grazzja"* (Ħaż-Żabbar, 1998); *Marija Bambina* (Naxxar, 2002); *San Piju X* (Santa Luċija, 2002); *Santa Marija* (H'Attard, 2002); *San Ġużepp* (Bormla, 2002); *Sant'Elena* (Birkirkara, 2003); *Santa Tereża* (Bormla, 2003); *Bil-Kuruna Dehbiena fuq Rasek* (Bormla, 2004);

*Lill-Patruna tal-Belt Beland* (Żejtun, 2005); *Lil San Ġorġ Martri* (Ħal-Qormi, 2006); *Assumpta Mater Nostra* (Mosta, 2007); *Kewkba Tiddi Ta' Pajjiżna* (2007); *Sabiħa* (Santa Marija, Ħal-Għaxaq, 2008); u din is-sena 2009 kien imiss l-innu tagħna *"Inħobbuk Bħalma Niesna Ħabbewk"* iddedikat lil San Pietru kif ukoll innu devot għall-Kommunita' Xlukkajra ġirien tagħna, bl-isem *"Int Madonna tax-Xlukkajri"* għall-festa tagħhom tal-Madonna ta' Pompej, innu li ser iżanżnuh fl-istess żmien magħna.





"Inħobbuk Bħalma Niesna Ħabbewk"
Prof. Oliver Friggieri

## Prof. Oliver Friggieri: Biografija u xogħlijiet simili

Il-Professur Oliver Friggieri hu l-awtur ta' numru kbir ta' kotba maħruġin f'Malta u f'diversi pajjiżi barranin. Ir-rumanzi, in-novelli u l-poeżiji tiegħu ġew maqlubin f'diversi lingwi. Kotba tiegħu dehru bl-Ingliż, Taljan, Franċiż, Maċedonjan, Sloven, Serb, Kroat, Grieg, Ġermaniż, Romen, Għarbi, Portugiż, Bengali, Finlandiż, u Urdu. L-istudji tiegħu, bl-Ingliż u bit-Taljan, dehru f'numru kbir ta' rivisti akkademiċi barranin. Indirizza madwar sebgħin kungress internazzjonali fl-Ewropa u l-poeżiji tiegħu inqraw f'diversi recitals internazzjonali fi bliet ewlenin. Ħa l-M.A. (1975) u l-Ph.D. (1978) fil-Letteratura Maltija bit-teżijiet "La cultura italiana in Dun Karm" u "La cultura italiana del romanticismo e la poesia maltese", li t-tnejn ġew ippubblikati bħala volumi fl-Italja. Rebbieħ ta' premijiet internazzjonali, fosthom *Premio Mediterraneo Internazionale* (Palermo, 1988), *Premio Internazionale Trieste Poesia* (2002) u *Premio Il Collegio* (Campidoglio, Ruma 2004).

Qaleb għall-Malti bosta xogħlijiet mil-Latin, Ingliż u Taljan. Membru ta' l-*Association Internationale des Critiques Litteraires* (Pariġi) u ta' l-*Academia Internationala Mihai Eminescu* (Craiova). Ex-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Universita' (1988-2004), u Professur tal-Letteratura. Kontributur regolari ta' diversi rivisti barranin. Dawn huma wħud mill-kotba tiegħu: *La cultura italiana a Malta – Dun Karm* (Firenze), *Storia della letteratura maltese* (Milazzo), *Laz* (Belgrad), *Baruhove Zagate* (Ljubljana), *A Turn of the Wheel* (Paisley), *Minciuna* (Timisoara), *La menzogna* (Genova), *Storie per una sera* (Treviso), *La rituel du crépuscule* (Pariġi), *Nous sommes un desir* (Lussemburgu), *A Distraught Pilgrim* (Missouri), *Povesti pentru o seara* (Bukarest), *La voce dell'onda* (Alghero), *A Mentira* (Lisbona), *A Malte – histoires pour le crepuscule* (Pariġi), *Koranta and Other Short Stories from Malta*, *Il-Poeżija Miġbura*, u r-rumanzi *Fil-Parlament ma jikbrux Fjuri*, *Ġiżimin li Qatt ma jiftaħ*, *It-Tfal jiġu bil-Vapuri*, *La Jibbnazza Niġi Lura*. Dan l-aħħar ukoll ippubblika l-ktieb *Fjuri li ma jinxfux*, ġabra ta' tifkiriet ta' bejn is-snin 1955-1990 mil-lenti tal-awtur innifsu, ktieb li qed jagħmel suċċess kbir u qed jiġi kkunsidrat fost l-isbaħ xogħlijiet minn idejn Oliver Friggieri.

Nitkellmu issa dwar innijiet devoti li ħarġu mill-pinna ta' dan il-poeta, li bħalu aħna issa ser ikollna wieħed. Il-Professur Oliver Friggieri huwa l-awtur tal-versi ta' bosta innijiet sagri u devoti li nkantawhom matul il-kalendarju liturġiku kollu tal-Knisja. Fost dawn insibu: *Bl-ikbar Hena* (Mużika ta' A.Borġ), *Ejja fostna* (Mużika ta' A.Borġ), *Fik it-tama Mulej* (Mużika ta' A.Borġ), *Ftakar fina, Mulej* (Mużika ta' A.Borġ), *Ħares lejna, Mulej* (Mużika ta' A.Borġ), *Ħenn għalina* (Mużika ta' A.Borġ) u *Kif naħsbu fik, Ġesu ħanin* (Mużika: Melodija Gregorjana). Huwa wkoll l-awtur tal-versi tal-Oratorjo famuż *Pawlu ta' Malta* fuq mużika tal-mibki Charles Camilleri.

## Għeluq

Ninsabu ċerti li dan l-innu se jinżamm fil-qlub kollha ta' dawk li ser jisimgħuh u jgawduh mhux biss din is-sena, is-sena li fih ser jiġi mżanżan biex jitfakkar l-anniversarju tal-istatwa, imma ċerti li ser ikun innu mistenni ħafna minn dawk ta' warajna. Hawn wieħed jinduna kemm anniversarji bħal dawn iservu ta' okkażjoni biex fihom jiġu varati opri sbieħ, xogħlijiet mirquma u ta' ċertu kalibru, li jkomplu jferrħu u jżidu fl-imħabba lejn il-festa, lejn is-Soċjetà u lejn il-qaddis tagħna San Pietru Appostlu. F'dik li hi mużika, ħafna kienu dawk is-Soċjetajiet u l-għaqdiet mużikali f'Malta, fejn sforz l-interess ġenwin lejn l-arti mużikali u l-mużika bandistika rnexxielhom jorbtu isimhom ma' innijiet u marċi partikolari. Dan l-innu ġie wkoll irrekordjat fuq *compact disc* u kif normalment isir f'innijiet ta' dan it-tip, ġie rrekordjat bil-kant miegħu biex b'hekk in-nies tkun tista' mhux biss tapprezza l-versi sbieħ tal-awtur imma tkun tista' wkoll tiftakru u żżommu f'qalbha. B'hekk żammejna u mxejna mal-eżempju tajjeb li jagħmlu baned oħra bħalna, speċjalment dawk li bħalna varaw innu devot mill-pinna tas-surmast Ray Sciberras. Minn hawnhekk nirringrazzjaw b'mod partikolari lis-soprana lokali u brava s-sinjura Marthese Grech tas-sehem tagħha fil-kant ta' dan l-innu, innu li żgur għandu jibqa' fil-qlub tan-nies ta' Birżebbuġa u jimla b'ferħ kbir u b'sens ta' kburija lin-nies ammiraturi u partitarji tal-banda u tas-Soċjetà tagħna.


**Referenzi:**

Ministeru għat-Turiżmu u Kultura. (2008) *Oratorju: Pawlu ta' Malta*

Media Centre (1986). *Innijiet*. Interprint Ltd., Marsa.

Ray Sciberras F.L.C.M: My Repertoire. (Sine anno) *Compositions*. Localised on 24 June 2009 on the World Wide Web: http://www.belandband.com/mro/admin/02_repertoire.php?genre=05devotional



Ħajr lis-surmast Ray Sciberras F.L.C.M tal-għajnuna li tani f'partijiet minn dan l-artiklu.